# GOZO COLLEGE - XAGĦRA PRIMARY

132, Racecourse St. - Tel. 21556219 - E-mail: gc.xaghra.pr@ilearn.edu.mt


## REGOLAMENTI DWAR L-UNIFORMI

**Għanijiet:**

- **Li jikber fit-tfal sens ta' identita' u sens ta' appartenenza lejn l-iskola u lejn il-Kulleġġ t'Għawdex, kemm waqt li jkunu fl-iskola u aktar minn hekk, meta jkunu barra mill-ambjent skolastiku.**
- **Li t-tfal jitrawmu f'sens ta' dixxiplina u ta' ubbidjenza lejn ir-regolamenti.**

### A. L-UNIFORMI TAL-ISKOLA GĦAT-TFAL TAL-PRIMARJA

A1. Uniformi tax-xitwa tikkonsisti f'dawn l-'items':

- Qmis 'beige'
- Ingravata bi strixxi blu u ċelesti
- Qalziet blu (il-bniet jistgħu jilbsu dublett blu jekk jixtiequ)
- Ġersi ċelesti
- 'Hair band' biex jinġabar ix-xagħar tal-bniet
- Xalpa biex tintlibes madwar l-għonq f'każ ta' kesħa
- Ġakketta tax-xita blu bil-'badge' tal-Kulleġġ t'Għawdex
- Kalzetti bojod (il-bniet jistgħu jilbsu 'thights' bojod jekk jixtiequ)
- Żarbun iswed (jista' jkun papoċċ pulit) jew buz iswed

A2. Uniformi tas-sajf tikkonsisti f'dawn l-'items':

- 'Polo-shirt' ċelesti
- Bermuda blu (il-bniet jistgħu jilbsu dublett blu jekk jixtiequ)
- 'Hair band' biex jinġabar ix-xagħar tal-bniet
- Kalzetti bojod
- Żarbun iswed (jista jkun papoċċ pulit)

A3. Uniformi tal-PE tax-xitwa tikkonsisti f'dawn l-'items:

- 'Tracksuit' blu tal-uniformi'
- 'Hair band' biex jinġabar ix-xagħar tal-bniet
- Kalzetti bojod
- Papoċċ abjad (jista' jkollu xi kuluri oħra mal-abjad)

A4. Uniformi tal-PE tas-sajf tikkonsisti f'dawn l-'items':

- 'T-shirt' ċelesti
- 'Shorts' blu
- 'Hair band' biex jinġabar ix-xagħar tal-bniet
- Kalzetti bojod
- Papoċċ abjad (jista' jkollu xi kuluri oħra mal-abjad)

A5. Il-beritta tal-uniformi

- Il-beritta tal-iskola għandha tinġab l-iskola u tintlibes mit-tfal waqt il-'breaks' u waqt il-ħarġiet skolastiċi fil-ġranet xemxin u sħan ta' matul is-sena.

A6. Il-ġakketta tax-xita u xalpa tal-uniformi

- It-tfal għandhom jiġu lebsin il-ġakketta tal-uniformi fi ġranet kesħin u bix-xita. Ġkieket oħrajn m'humiex permessi.
- Meta jixtiequ, it-tfal jistgħu jilbsu x-xalpa tal-uniformi. Xalpi oħra mhumiex permessi.

A7. It-tfal li jattendu l-Kindergarten

- It-tfal tal-Kindergarten jilbsu 'tracksuit' għax-xitwa u 'shorts' u 'poloshirt' għas-sajf. Fi ġranet kesħin u bix-xita, it-tfal tal-Kindergarten jistgħu jilbsu il-ġakketta tal-uniformi. F'każ li din ma tkunx tiġihom għax ikunu għadhom żgħar wisq, ikunu jistgħu jiġu lebsin ġakketta blu li ma tkunx tal-uniformi.
- It-tfal tal-Kindergarten huma mħeġġa wkoll jilbsu kalzetti bojod u papoċċ abjad (li jista' jkollu xi kuluri oħra mal-abjad).

## B. INFORMAZZJONI IMPORTANTI OĦRA

B1. Ix-xiri tal-uniformi

- L-uniformi tal-iskola tinxtara mingħand 'Yorkie Clothing Industry Limited', li hija l-kumpanija awtorizzata għall-uniformijiet kollha tal-iskejjel tal-istat. F'Għawdex il-ħanut awtorizzat li jbiegħ f'isem 'Yorkie Clothing' huwa 'Trovarsi', li jinsab fi Triq is-Suq, ir-Rabat (Tel. 21555834).

B2. L-'items' tal-uniformi jibqgħu jintużaw

- It-tfal tal-Kindergarten jistgħu ikomplu jilbsu t-'tracksuit' li jkollhom fil-Year 1 jew sakemm din tibqa' tiġihom.
- It-tfal tal-Year 6 ikomplu jilbsu il-ħwejjeġ tal-uniformi li jkollhom fil-primarja meta jmorru fl-iskola Medja fir-Rabat għax l-uniformi tibqa' l-istess. Ikollhom bżonn li jixtru ġlekk pulit biss għall-Iskola Medja (billi dan ma jintlibisx fl-Iskola Primarja).

B3. Skedi tas-sajf, tax-xitwa u tal-PE u taħlit tal-'items' tal-uniformi

- Sakemm ma tintbagħatx informazzjoni differenti mill-amministrazzjoni tal-iskola (permezz ta' ċirkulari jew ittra), għandkom tibagħtu lil uliedkom bl-uniformi tas-sajf mill-ewwel ġurnata tal-iskola f'Settembru sal-aħħar t'Ottubru, u mill-ewwel ġurnata tal-iskola ta' Mejju sal-aħħar ġurnata tal-iskola qabel jibdew il-vaganzi tas-sajf.
- Sakemm ma tintbagħatx informazzjoni differenti mill-Amministrazzjoni tal-iskola (permezz ta' ċirkulari jew ittra), għandkom tibagħtu lil uliedkom bl-uniformi tax-xitwa minn wara l-vaganzi ta' Novembru ('Mid-term holidays') sal-aħħar ġurnata ta' April.
- Il-ġenituri huma mħeġġa sabiex ma jħalltux 'items' mill-uniformi tas-sajf ma tax-xitwa jew inkella 'items' tal-uniformi formali ma dawk tal-PE. Pereżempju mhux aċċettabbli li t-tfal jilbsu ġersi u 'shorts', jew ġersi fuq 'polo shirt' minflok fuq qmis u ingravata.
- Importanti li qatt ma jintlibes 'poloneck b'kulur skur taħt il-qmis, billi dan ikun jidher u l-qmis ma tibqax tidher pulita.
- Fil-bidu tas-sena skolastika tingħata skeda ta' meta t-tfal ikunu jridu jiġu lebsin ilbies tal-PE u meta jkunu jridu jattendu l-iskola lebsin l-uniformi formali.

B4. Dbielet, ix-xagħar, oġġetti prezzjużi, imsielet u 'make-up'

- Importanti li fejn jintlibsu d-dbielet, dawn ma jkunux qosra u jaslu sal-irkobba.
- Huwa importanti li x-xagħar jinżamm dejjem nadif u pulit. M'għandux jinżebagħ ix-xagħar. Huwa rakkomandat li l-bniet iżommu xagħarhom miġbur filwaqt li s-subien iżommu xagħarhom qasir.
- It-tfal huma mitluba sabiex ma jġibu qatt oġġetti prezzjużi jew ġojjellerija l-iskola.
- It-tfal bniet biss jista' jkollhom sa par imsielet wieħed u dawn għandhom ikunu żgħar u mhux ċrieki.
- Make-up mhux permess l-iskola.

B5. <u>Sabiex jiġi evitat li jintilfu 'items' tal-uniformi</u>

- Importanti li l-'items' kollha ta' ħwejjeġ li jkunu lebsin it-tfal ikollhom isimhom u kunjomhom (jew għallinqas l-inizjali) imniżżlin fuq it-tikketta.

## Ċ. EĊĊEZZJONIJIET

- F'każ li t-tfal ikunu jbatu minn xi kundizzjoni speċjali u f'każijiet eċċezzjonali oħra li jistgħu jinqalgħu matul is-sena, it-tfal jistgħu jingħataw permess sabiex jilbsu xi ħwejjeġ għal xi żmien li ma jkunux parti mill-uniformi. Madankollu biex dan iseħħ, trid tiġi ppreżentata nota/ittra lill-amministrazzjoni tal-iskola. Din trid tkun miktuba u iffirmata mill-ġenituri. Il-ġenituri jistgħu jiġu mitluba jippreżentaw xi tip ta' prova li dak li qed jitolbu huwa minnu (bħal ċertifikat mediku, eċċ).
- F'xi każijiet eċċezzjonali li jistgħu jiġru mingħajr mistenni u li jkunu ta' darba biss, tista' tiġi wkoll aċċettata talba bil-fomm mill-ġenituri sabiex it-tfal ma jilbsux xi 'item' partikolari mill-uniformi.

## D. PASSI DIXXIPLINARJI

L-għalliema u l-amministrazzjoni tal-iskola jinkoraġġixxu lit-tfal sabiex jiġu l-iskola lebsin l-uniformi pulita kif inhu mistenni minnhom. Meta t-tfal jonqsu li jagħmlu dan mingħajr raġuni valida, jittieħdu l-passi kif ġej:

1. It-tfal jiġu mwissija bil-fomm mill-għalliema/mill-amministrazzjoni tal-iskola sabiex ma jerġgħux jilbsu ħwejjeġ li ma jkunux parti mill-uniformi.
2. F'każ li t-tfal jibqgħu jiġu l-iskola lebsin ilbies li mhux tal-uniformi, tintbagħat nota dwar dan bil-posta lill-ġenituri u/jew l-amministrazzjoni tal-iskola tikkuntattja personalment lill-ġenituri.
3. F'każ li l-passi li jittieħdu jkunu kollha għal xejn, it-tfal li jkunu qed jiksru r-regolamenti jintbagħtu fl-uffiċċju u l-ġenituri jkunu mitluba jġibu l-'item' tal-uniformi sabiex it-tfal ikunu jistgħu jerġgħu jidħlu fil-klassi.

Fejn tinħass il-ħtieġa, tinżamm 'record' mill-għalliema dwar min ġie mwissi verbalment u/jew permezz ta' nota, kif ukoll meta ġara dan.